

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni SHERPA NEXT — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 891 495

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Diċembru 2018 fil-Każ R 523/2017-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-konvenut u, fejn xieraq, lill-parti intervenjenti, għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, u l-ispejjeż inkorsi fl-appell quddiem il-Bord tal-Appell.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u tal-Artikolu 47(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Marzu 2019 — Buck vs EUIPO — Unger Holding (BUCK)

(Kawża T-311/18) ⁽¹⁾

(2019/C 155/68)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 240, 9.7.2018.
